Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9390 — Brookfield Asset Management/Oaktree Capital Group)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 235/06)

1. Fil-5 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Brookfield Asset Management Inc. ("Brookfield", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Oaktree Capital Group Holdings, L.P. ("OCGH", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Oaktree Capital Group, LLC ("Oaktree", l-Istati Uniti tal-Amerka).

OCGH attwalment tikkontrolla biss Oaktree. Il-konċentrazzjoni tikkonsisti minn Brookfield u OCGH li jakkwistaw il-kontroll konġunt ta' Oaktree skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Brookfield tipprovdi servizzi għall-ġestjoni tal-assi, u hija ffukata fuq il-proprjetà immobbli, l-infrastruttura, l-enerġija rinnovabbli u l-ekwità privata.

— OCGH u Oaktree huma parti mill-Oaktree Capital Group, fornitur ta' servizzi għall-ġestjoni ta' assi li jiffoka l-aktar fuq l-investiment ta' kreditu korporattiv.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.9390 — Brookfield Asset Management/Oaktree Capital Group

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email, ta' faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.